MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Numru 925/2004

Il-Pulizija
(Spettur Christopher Pullicino)

vs

Glenn Bezzina

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 14482(M) akkuzat talli:

1. mill-istabbiliment bl-isem 'Mgarr United Football Club' sitwat fl-Imgarr, Malta, fil-lejl ta' bejn is-27 u t-28 ta' Jannar, 2003, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom xorb u apparat elettroniku, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin izda ma jiskorrix l-elf lira Maltin u sar ghad-dannu ta' Augustine Vella.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat f'din l-udjenza jammetti l-akkuzi fl-liema ammisjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuza kontrih dedotta.

Rat l-Artikolu 261(b)(c)(f), 264, 267, 270, 278(2) (3), 279(a), 280(2) tal-Kap 9 tikkundannah 9 xhur prigunerija sospiza ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti fissret lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu b'din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------